MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 72/2011/1

**Darren Aquilina**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell maghmul mill-attur [l-appellant] minn sentenza moghtija milll-Onorabbli Qorti Prim' Awla Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fis-6 ta' Novembru 2012 li biha dik il-Qorti cahdet it-talbiet kollha tal-appellant, bl-ispejjez.

**2.** Fir-rikors promotur l-appellant kien talab lill-ewwel Qorti sabiex:
"[1] tiddikjara li l-appellant *"ma jistax ikollu smigh xieraq"* ghaliex id-depozizzjoni li certu Alberto Alessandro Bafumi [Bafumi] kien ta' quddiem il-Magistrat Inkwirenti, *"ittiehdet minn wara dahru."*

"[2] tiddikjara li l-Artikolu 30 tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 550[1] u 646 [2] tal-Kodici Kriminali jivvjolaw l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea [il-Konvenzjoni] u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni];

"[3] tiddikjara li l-imsemmi Alberto Alessandro Bafumi "m' ghandhux ikun ammess bhala xhud waqt il-guri, [presumibbilment li r-rikorrent ghad irid jiffaccja], u dan, stane li ma tax ix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti Struttorja, u b' hekk, id-difiza kienet zvantaggjata fil-konfront tal-prosekuzzjoni ghaliex imcahhda mid-dritt tad-*doppio esame"*;

"[4] taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tieghu."

**<u>Il-Fatti</u>**

**3.** Il-fatti relevanti huma dawn.

**4.** Fit-2 ta' Frar 2007, l-imsemmi Bafumi kien ta xhieda guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti, li fiha semma lill-appellant.

**5.** Fit-3 ta' Frar tal-istess sena, il-pulizija ressqet lill-appellant, flimkien ma' Bafumi, quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta], akkuzat b'reati relatati mat-traffikar tad-droga kokajina.

**6.** Matul il-kumpilazzjoni gie esebit il-process verbal li kien jinkludi wkoll id-depozizzjoni li kien ta Bafumi quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

**7.** Wara li naghlqet il-kumpilazzjoni u nhareg l-att tal-akkuza [nru. 22/08] il-Qorti Kriminali, fl-udjenza tal-21 ta' Mejju 2009, fuq talba tal-prosekuzjoni, ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju bejn iz-zewg akkuzati.

**8.** Fl-20 ta' Mejju 2011 l-istess Qorti Kriminali, tenut kont tal-ammissjoni da parti ta' Bafumi, iddecidiet il-kaz tieghu, filwaqt li l-kaz kontra l-appellant ghadu pendenti.

**Is-Sentenza Appellata**

**9.** Illi l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet: li skont l-Artikolu 550 tal-Kap. 9, jekk il-process verbal jkun maghmul regolarment dan jista' jingieb bhala prova fis-smiegh tal-kawza kriminali sussegwenti; li l-iskop tal-process verbal huwa dak li jippreserva l-evidenza li tkun migbura; li l-prosekuzzjoni xorta wahda ghandha d-dritt li tressaq xhieda ulterjuri, anke fl-istadju tal-kumpilazzjoni fejn allura [salv xi eccezzjonijiet] ikun prezenti l-imputat; l-Artikolu 646 tal-istess Kap. jenunzja l-principju li l-ezami tax-xhieda fil-Qorti jsir *viva voce*; di piu`; xhieda mehuda bil-gurament quddiem il-kumpilazzjoni tista' tingieb bhala prova, basta x-xhud jigi ezaminat *viva voce*.

**10.** Dik il-Qorti kompliet taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li fl-artikoli in dizamina jirrizultaw kumplimentari ghal xulxin billi t-tnejn jirrikjedu li xhieda tkun mismugha *viva voce* fil-prezenza tal-imputat jew tal-akkuzat skont il-kaz;

"Illi hi biss l-istqarrija mehuda fil-kors ta' nvestigazzjonijiet kondotti mill-pulizija jew minn inkjesta magisterjali li l-prezenza ta' akkuzat jew imputat mhix mehtiega – u dan bir-ragun, stante li fl-istramaggoranza tal-kazjiet la jkun hemm imputat, wisq anqas, akkuzat;

"Illi ghandu jinghad ukoll li tali stqarrijiet huma ammissibbli biss kemm –il darba l-garanziji procedurali fir-rigward

ikunu skrupolozament sodisfatti skont il-ligi, u fid-dawl tal-kooperazzjoni unilaterali tal-agent li jeffettwaha;

“Ikkunsidrat:

“Illi di piu`, ghandu jinghad ukoll li stqarrija ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta’ pregudizzju ghall-ebda persuna ohra, (artikolu 661 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghalhekk il-preokkupazzjoni tar-rikorrenti ghandha tisfuma;

“Ikkunsidrat:

“Illi in oltre, f’kaz ta’ ko-akkuzati, dak sostenut mill-intimat fil-paragrafu III 4 a fol 81 et sequitur hu avallat minn din il-qorti, u a skans ta’ ripetizzjoni inutili, taghmel ampja referenza ghall-istess stante li r-rizultanzi riskontrati ma jirrizultawx li b’xi mod jilledu d-drittijiet riferiti mir-rikorrenti;

“Illi di piu`, ghandu jinghad ukoll li kemm investigazzjonijiet tal-pulizija li fil-kors taghhom ittiehdet l-istqarrija tal-imsemmi Bafumi, kif ukoll il-konferma tal-istess tul l-inkjesta magisterjali, l-istqarrijiet hemm mehuda huma formanti parti mill-investigazzjonijiet hemm separatament kondotti fejn l-ebda terza persuna estranea – lanqas is-suspettat stess – ma jkollu xi forma ta’ prezenza u dan, semplicement ghaliex logikament ma jiffigurax;

“Illi hu biss fl-istadju kumpilattiv, meta l-prezenza ta’ imputat jew akkuzat tkun assigurata li din il-figura rikjamata mir-rikorrenti tikkristallizza ruhha u tippartecipa fil-procedura li tkun ghalhekk kondotta taht l-iskrutinju taghha;

“Illi kemm –il darba hemm lanjanza sollevata f’dan ir-rigward mir-rikorrenti din hi biss ghalhekk dovuta ghall-karenza t’azzjoni tieghu u m’ghandha, taht l-ebda skuza, tkun imputata lill-prosekuzzjoni;

“Illi ghalhekk, stante li l-provi tal-prosekuzzjoni mressqa fl-istadju minn dak tal-kumpilazzjoni l’ quddiem dejjem ikun taht l-iskrutinju serrat tal-imputat jew akkuzat, l-ebda

allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fundamentali ma jista' hawn jigi lilhom imputat, izda se mai, disattenzjoni mid-difiza stess;

"Illi ghalhekk, minn analizi akkurat tal-assjem kollu tal-proceduri adoperati rizultanti mid-dokumenti esebiti in atti, l-preokkupazzjoni tar-rikorrenti Darren Aquilina li gew lilu lezi xi drittijiet fundamentali tieghu ma tirrizultax ippruvata skont il-ligi;

"Illi ghal kuntrarju, dak li jirrizulta hu li l-prosekuzzjoni mxiet f'kull stadju tal-procedura skont il-ligi u ghalhekk, dejjem operat ruhha taht l-iskrutinju kemm kurjali – li hi wkoll fid-dmir li tassikura li l-ebda drittijiet fundamentali ma jigu lezi – kif ukoll tad-difiza, li ghalkemm dejjem kellha l-possibilita` li topera rimedji fl-ambitu tal-ligi normali, jidher li liberament ghazlet li ma tapplikahomx u konsegwentement, il-lanjanza tal-intimat li l-ghan principali tar-rikorrenti Aquilina li jintraprendi din il-procedura hi fil-fatt unikament indirizzata biex jipprokrastina, hi totalment legittima;"

**L-Appell**

**11.** L-appellant fisser hekk l-aggravju tieghu:

"1. Illi skond l-Artikolu 646 tal-Kodici Kriminali x-xhieda mehuda minn wara dahar l-imputat fl-inkesta ghandu jkollha valur probatorju. Id-difiza hawn tikkontendi li din ix-xhieda ghandu jkollha biss valur ai finijiet ta' kontroll, kif kienet il-pozizzjoni qabel l-emendi introdotti fl-2006.

"2. Illi aghar minn hekk, ghad li d-dispost tal-Artikolu 646 jammetti tali xhieda bhala prova, jikkondizzjona lill-istess billi jirrikjedi li x-xhieda iridu jingiebu il-Qorti biex jigu ezaminati viva voce. Illi issa fil-kaz in dizamina l-esponent gie pregudikat ultgerjorment. L-ewwelnett ix-xhud [Bafumi] ma ttellax jiddeponi quddiem il-Qorti Struttorja. Illi aghar minn hekk, minhabba dak li jiddisponi l-Artikolu 405 tal-Kap.9, essendo li dan Bafuni kien ko-akkuzat, ir-rikorrent/difiza lanqas ma setghet tipprevalixxi ruhha minn

dak li jiddisponi l-Artikolu 646 tal-istess Kap, u tharrku sabiex jixhed, ghaliex kien ko-akkuzat.

"3. Illi hu minnu li wara li nghalqet il-kumpilazzjoni l-Avukat Generali ordna [talab] s-separazzjoni tal-gudizzju u hareg kap ta' akkuza wahda ghal kull akkuzat, illi pero' l-esponent jikkontendi li jekk jithalla jixhed Bafumi f' dan l-istadju huwa ser ikun ippregudikat illi minhabba li, kuntrarjament ghal prosekuzzjoni, huwa mhux ser ikollu l-jedd ghad-doppio esame. Illi naturalment dan ikollu jmur kontra l-principju **sagrosant** tal-Equality of Arms."

**12.** In bazi ghall-premess, l-appellant qed jitlob li din il-Qorti thassar l-imsemmija sentenza u tilqa' t-talbiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

**13.** Min-naha tieghu, l-appellat Avukat Generali qed jitlob li ghar-ragunijiet esposti minnu fir-risposta tieghu l-appell tal-appellanti jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

**14.** Bazikament l-ilment tal-appellant huwa fis-sens li galadarba huwa ma kienx prezenti meta Bafumi ddepona quddiem il-Magistrat Inkwirenti u allura ma setax jikkontrolla lix-xhud, u galadarba Bafumi ma setax jittressaq bhala xhud matul il-kumpilazzjoni peress li f'dak iz-zmien kien ghadu ko-akkuzat mal-appellant, allura l-appellant sofra ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u ser jigi pregudikat peress li gie lez fil-konfront tieghu l-principju tal-*equality of arms* billi gie priv mid-dritt tad-*doppio esame*.

**15.** In tema legali jigi osservat li hu principju kardinali fid-dritt penali procedurali lokali li kemm il-prosekuzjoni kif ukoll id-difiza ghandhom id-dritt li jressqu x-xhieda taghhom u jaghmlu kontro-ezami tax-xhieda tal-parti l-ohra. Inoltre skont l-Artikolu 646 tal-Kodici Kriminali, salv ghal kazijiet eccezzjonali ndikati fl-istess artikolu, ix-xhieda ghandhom jinstemghu *viva voce* fil-prezenza tal-imputat bid-dritt tal-kontro-ezami.

**16.** Fost il-provi li tressaq il-prosekuzzjoni hemm il-process verbal li fih ikun hemm il-provi kollha migbura fl-inkjesta magisterjali, fosthom anke depozizzjonijiet ta' xhieda mismugha bil-gurament mill-Magistrat Inkwirenti skont id-dispost tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101. L-Artikolu 550 jghid li dan id-dokument, meta esebit fil-process kriminali, [u meta allura hemm l-imputat prezenti], ghandu valur probatorju, u fis-sub-inciz [2] tieghu jaghti d-dritt lill-prosekuzzjoni li tressaq ix-xhieda li jkunu xehedu matul l-inkjesta biex jixhdu fuq materji specifici, kif ukoll jaghti d-dritt li *"...persuna mixlija tista' wkoll iggib lil kull minn trid minn dawk il-persuni bil-ghan li jsirilha l-kontro-ezami."*

**17.** Fi kliem iehor ix-xhieda li xehedu fl-inkjesta magisterjali jistghu jittellghu bhala xhieda fil-proceduri kriminali, kemm mill-prosekuzzjoni, kif ukoll mill-imputat. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax li dawn l-artikoli jimminaw jew jivvjolaw id-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq, tenut kont li x-xhieda li nstemghu fl-inkjesta, u allura fl-assenza ta' imputat, jistghu jergghu jittellghu bhala xhieda kemm matul il-kumpilazzjoni, kif ukoll matul il-guri jekk ikun il-kaz.

**18.** Fil-kaz in dizamina, Bafumi, li xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti, tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] flimkien mal-appellant, u allura bhala ko-akkuzat ma setax jittella' jixehed, sakemm saret is-separazzjoni tal-gudizzju, u l-kaz kontra Bafumi gie deciz. Izda fil-frattemp il-proceduri kriminali kontra l-appellant ghadhom ghaddejjin, u ghalhekk ma jirrizultax xi ostakolu li jzomm lill-istess appellant milli fil-guri jressaq lil Bafumi sabiex jikkontroezaminah fuq id-depozizzjoni li kien ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

**19.** Illi hu principju assodat kemm fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, kif ukoll f'dik patria, li d-determinazzjoni tal-ezistenza o meno ta' lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq jinnecessita` ezami tal-procedura gudizzjarja kollha kemm

hi fit-totalita` taghha.[1] Kif osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Van Mechelen and Others v. The Netherlands***:*

*"The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law, and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as whole, including the way in which evidence was taken, were fair."*[2]

**20.** Dan johrog aktar car fil-kaz prezenti meta l-proceduri kontra l-appellant ghadhom pendenti, u meta, skont il-ligi, l-appellant ghandu d-dritt li jtella' lil Bafumi bhala xhud fil-guri u jaghmillu l-kontro-ezami fuq id-depozizzjoni li dan kien ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti. B'hekk l-appellant ikun fil-pozizzjoni li jikkontrolla dak li qal Bafumi fl-inkjesta.

**21.** Din il-Qorti tosserva ulterjorment li l-fatt li d-depozizzjoni guramentata li Bafumi ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti tikkostitwixxi prova, u tista' tigi meqjusa bhala veritiera mill-gurati, u ghalhekk tipprevali fuq dak li jkun qal fil-kontro-ezami tieghu, ma tivvoljax la l-principju tal-*equality of arms* u lanqas id-dritt tieghu ghal smigh xieraq, stante li dawn necessarjament jirrikjedu li kull parti fil-kawza jkollha opportunita` indaqs sabiex tressaq ix-xhieda taghha u taghmel kontro-ezami lix-xhieda tal-parti l-ohra. Dan id-dritt ghadu miftuh ghall-appellant li ghad ghandu l-fakolta` li jressaq lil Bafumi bhala xhud fil-guri. Dan hu konformi ma' dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Carmel Camilleri v. Malta**[3] meta osservat hekk fuq l-Artikolu 6[1][3][d] tal-Konvenzjoni:

*"The Court further recalls that all evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. However,the*

[1] Q. Kos. **Victor Lanzon v. Kummissarju tal-Pulizija** deciza 29 Novembru 2004
[2] Deciz 23 April 1997 – para.50 [sottolinear ta' din il-Qorti]
[3] App. 51760/99 – Deciz 16 Marzu 2000 [sottolinear ta' din il-Qorti]

*use of evidence of statements obtained at the stage of the police inquiry and the judicial investigation is not in itself inconsistent with paragraph 3 [d] and 1 of Article 6 of the Convention, provided that the rights of the defence have been respected. As rule, these rights require that the defendant be given <u>an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness</u> against him or her wether when the witness is making a statement or <u>at a later stage of the proceedings</u> [see Saidi v France judgment of 20 September 1993.... ; Van Mechelen and Others v the Netherlands judgment of 23 April 1997]*

*"With these principles in mind the Court notes that the applicant was able to call GF. At his trial before the Court of Magistrates and to cross-examine him as to the reasons which led him to make the incriminating statement. In the Court's opinion the opportunity allowed to the applicant to undermine the probative valure of that statement more than compensatedd for any alleged disadvantage which may have resulted from the fact that the statement was made in circumstances in which he was unable to challenge its veracity. It cannot be maintained therefore that the rights of the defence were not secured at the trial."*

**22.** Fl-istess vena hija s-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropeja fil-kaz **Jacubeyzk v. Poland.**[4]

*"...As the Court has stated on a number of occasions [see, among other authorities, **Ludi...]** , it ma prove necessary in certain circumstances to refer to statements made during the investigative stage. If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the statements, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6 [1] and 3 [d]. The corollary of that, however, is that where the conviction is based solely or to a decisive degree on statements that have been made by a <u>person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined,</u> whether during the investigation or <u>at the trial,</u>*

[4] App. 17354/04. – Deciz 10 Mejju 2011 – para. 45 [sottolinear ta' din il-Qorti]

*the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6 [see **Saidi v France**, judgment of 20 September 1993... para.43-44; **Luca v Italy** no.33354/96 para.40, 27 February 2001; and **Salokov v the former Yugoslav Republic of Macedonia**, no.47023/99 para.57..].”*

**23.** Fi ftit kliem dan ifisser li jekk l-imputat ghandu, bhal fil-kaz prezenti, ghamlet stqarrija esebita, allura s-sitwazzjoni fattwali u legali hija kompatibbli mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**24.** Ghaldaqstant l-aggravju huwa nfondat

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet fuq premessi din il-Qorti tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez a karigu tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------